

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tal-20 ta' Ottubru 2017

li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom

(BERS/2017/4)

(2017/C 431/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

- (1) Il-qafas dwar riċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stipulat fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽³⁾ għandu jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn sal-ogħla grad possibbli.
- (2) L-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri jistgħu jeżentaw fornitur individwali ta' servizz finanzjarju bi skopertura mhux materjali mill-applikazzjoni tal-miżura riċiprokanti (prinċipju *de minimis*).
- (3) Il-qafas attwali dwar ir-riċiproċità volontarja tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ma jipprovdi gwida dwar il-livell limitu li għandu jintuża mill-awtoritajiet rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-materjalità tal-iskopertura. Meta awtorità rilevanti teżenta lil fornitur individwali ta' servizz finanzjarju bi skopertura mhux materjali, l-awtorità attwalment tista' tadotta l-livell limitu li jidhrilha li huwa xieraq, u b'hekk toħloq diverġenzi potenzjali fl-applikazzjoni tal-prinċipju *de minimis*.
- (4) Sabiex jiġu evitati dawk id-diverġenzi potenzjali, l-awtorità attivanti rilevanti għandha ttipponi livelli limitu ta' materjalità massima fil-livell tal-fornitur tas-servizz finanzjarju meta titlob ir-riċiprokazzjoni. It-Tim ta' Valutazzjoni permanenti tal-BERS, kif imsemmi fid-Deċiżjoni BERS/2015/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽⁴⁾, jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk dan jitqies meħtieġ.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

⁽³⁾ Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni BERS/2015/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar qafas ta' koordinazzjoni għan-notifika ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali minn awtoritajiet rilevanti, il-ħruġ ta' opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet mill-BERS u li tħassar id-Deċiżjoni BERS/2014/2 (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 28).

(5) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni d-Deċiżjoni BĊE/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Emendi

Id-Deċiżjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

1. Fit-Taqsima 1, is-subbrakkomandazzjoni B(2) hija ssostitwita b'dan li ġej:

“2. Jekk reċiprokazzjoni minn Stati Membri oħrajn titqies li hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv tal-miżuri relevanti, l-awtoritajiet attivanti relevanti huma rakkomandati li jissottomettu talba għal reċiprokazzjoni lill-BERS, flimkien man-notifika tal-miżura. It-talba għandha tinkludi livell limitu ta' materjalità propost.”;

2. Fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 2, qed jiżdied il-punt li ġej:

“(i) 'livell limitu ta' materjalità' tfisser livell limitu kwantitattiv li taħtu l-iskopertura ta' fornitur individwali ta' servizz finanzjarju għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn tiġi applikata l-miżura tal-politika makroprudenzjali mill-awtorità attivanti tista' titqies bħala non-materjali.”;

3. fit-Taqsima 2, fl-Artikolu 2, il-paragrafu (1) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet relevanti jistgħu jeżentaw lil fornituri ta' servizzi finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom milli japplikaw miżura reċiprokanti partikolari tal-politika makroprudenzjali, jekk dawn il-fornituri ta' servizzi finanzjarji jkollhom skoperturi mhux materjali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni, fejn l-awtorità attivanti relevanti tkun qiegħda tapplika l-miżura tal-politika makroprudenzjali inkwistjoni (prinċipju *de minimis*). L-awtoritajiet relevanti huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS dwar dawk l-eżenzjonijiet, bl-użu tal-mudell għan-notifika ta' miżuri reċiprokanti ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BERS.

Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-prinċipju *de minimis*, il-BERS jirrakkomanda livell limitu ta' materjalità bbażat fuq dak propost mill-awtorità attivanti relevanti skont it-Taqsima 1, subbrakkomandazzjoni B(2). Il-kalibrazzjoni tal-livell limitu għandha ssegwi l-aqwa Prattiki kif stabbiliti mill-BERS. Il-livell limitu tal-materjalità huwa livell limitu massimu rakkomandat. L-awtoritajiet relevanti reċiprokanti jistgħu japplikaw il-livell limitu rakkomandat, japplikaw livell limitu aktar baxx għall-ġurisdizzjoni tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità. Meta japplikaw il-prinċipju *de minimis*, jenħtieġ li l-awtoritajiet jimmonitorjaw mill-qrib jekk jimmaterjalizzaw tixrid u arbitraġġ regolatorju u jagħlqu l-lakuna regolatorja jekk meħtieġ.”;

4. It-Taqsima 2.4 hija mibdula b'li ġej:

“4. Emendi għar-Rakkomandazzjoni

Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi meta jkun meħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi emendata. Dawk l-emendi jinkludu b'mod partikolari kwalunkwe miżura addizzjonali jew immodifikata tal-politika makroprudenzjali li jkollhom jiġu rreċiprokati kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni C u l-annessi relatati li jkun fihom informazzjoni speċifika għall-miżura, inkluż il-livell limitu tal-materjalità pprovdut mill-BERS. Il-Bord Ġenerali jista' wkoll jestendi l-iskadenzi stipulati fil-paragrafi preċedenti meta jkunu meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi għal konformità ma' rakkomandazzjoni waħda jew aktar. B'mod partikolari, il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi li jemenda din ir-Rakkomandazzjoni skont ir-reviżjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-qafas ta' rikonoxximent obbligatorju taħt il-liġi tal-Unjoni jew fuq il-bażi ta' esperjenza miksuba fit-tħaddim tal-arranġament ta' reċiproċità volontarja stabbilit b'din ir-Rakkomandazzjoni.”

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-20 ta' Ottubru 2017.

Francesco MAZZAFERRO,

Kap tas-Segretarjat tal-BERS,

fisem il-Bord Ġenerali tal-BERS